# *San Benedittu Ġużeppi Labrè (1748-1783)*
## *– qaddis Franċiż li possibbilment żar l-Għasri –*

*minn Toni Calleja*

### Daħla

Il-ħabib għażiż tagħna, is-Sur John Cremona, tar-Rabat, Għawdex, ġustament jgħid li matul is-sekli ftit kienu dawk il-barranin b'fama ta' qdusija li rifsu x-xtut ta' Għawdex u għalkemm insibu li qaddisin kbar bħal San Pawl, San Luqa u Sant'Agatha f'xi żminijiet għammru f'Malta ma jidhirx li dawn waslu sa Għawdex. Nafu madankollu b'rħieb b'fama ta' qdusija li għal xi żmien għexu f'Għawdex fosthom l-eremita tas-Santwarju tal-Qala magħruf bħala San Kerrew. Cremona jżid jgħid li: "Żgur li l-aktar qaddis barrani magħruf li rifes ix-xtut ta' Għawdex, minbarra Ġwanni Pawlu II fl-1990, kien San Benedittu Ġużeppi Labre".[1]

### Min kien

Dan il-qaddis twieled fil-Parroċċa ta' San Sulpizju ta' Amettes fis-26 ta' Marzu 1748 minn Ġann Battista – sid ta' ħanut, u Anna Barbe Grandsire. Ta' tnax-il sena ġie afdat f'idejn zijuh, il-Kurat Franġisku Ġużeppi Labrè, li beda jgħallmu l-Latin. Ta' sittax-il sena wera x-xewqa li jsir Trappista, imma l-familja ma riditux. Ħabbat kemm-il bieb ta' monasteri oħra imma ma aċċettawhx, bħalma huma: iċ-Ċertosa ta' S. Aldegonda, it-Tappa ta' Montagne fin-Normandija u ċ-Ċertosa ta' Neuville. Ġewwa l-abbazija ta' Sept-Fons libes ta' Ċisterċens u wara ftit li beda n-novizzjat sabuh li ma kienx jgħodd għall-kunvent. Wara telaq lejn Ruma bil-ħsieb li jidħol f'xi monasteru. F'Awwissu 1770 minn Chieri fil-Piemonte kiteb l-aħħar ittra lill-familjari tiegħu. Jidher li ħajtu għaddieha jżur is-Santwarji magħrufa. Daru kienet it-triq, u s-sema kienet il-firxa u l-għata tiegħu. Hekk żar is-santwarji ta' Loreto, Assisi, Napli, Bari u Fabriano. San Benedittu Ġużeppi Labrè kien Terzjarju Franġiskan, u barra mid-devozzjoni lejn il-Madonna, kellu qima speċjali lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju.




Ġewwa l-Italja kien imsejjaħ bħala "l-Qaddis Franċiż". L-aħħar snin ta' ħajtu għaddiehom ġewwa Ruma fejn kien jagħmel ta' kull sena pellegrinaġġ għal Loreto. F'jum minn ta' April 1783 instab kważi mejjet fit-triq ta' Santa Maria Alimonti fejn miet fis-16 ta' dak ix-xahar f'ħanut ta' wieħed li jbigħ il-laħam. Meta miet ġriet l-aħbar ma' Ruma li tgħid: "Miet il-Qaddis". Ġie midfun fil-knisja tal-*Madonna dei Monti* fuq in-naħa tal-lemin tal-artal maġġur.[2]

San Benedittu Ġużeppi Labrè, lajk Franċiż, pellegrin-tallab, kien magħruf għal tjubitu u li jħobb jitlob quddiem is-Santissimu Sagrament.[3] Kien dikjarat Beatu mill-Papa Piju IX (1846-1878) fl-20 ta' Mejju 1860 u bħala Qaddis mill-Papa Ljun XIII (1939-1958) fit-8 ta' Diċembru 1881. Il-festa liturġika tiegħu titfakkar fis-16 ta' April.

Dan il-qaddis huwa magħruf bħala patrun kontra l-mard tal-ġdiem u l-qamel. X'aktarx li kaġun ta' hekk, fil-Malti għandna l-idjoma: "Maħmuġ daqs San Ġużeppi Labre". Fl-antik din l-idjoma kienet tingħad b'riferenza lejn xi ħadd li kien iżomm ruħu maħmuġ.[4]

**Il-miġja ta' dal-qaddis f'Malta u Għawdex**

Mir-rakkont tal-ħajja tiegħu ppubblikata fl-1783 mill-professur u konfessur tiegħu Marconi tal-kulleġġ Ruman,[5] nafu li dan il-qaddis pellegrin kien iħobb iżur is-santwarji Marjani.[6] "Jista' jkun li San Benedittu Ġużeppi Labrè sema' wkoll bis-swantwarji qodma u għeżież ta' Malta u Għawdex, bħalma huma s-Santwarji tal-Madonna tal-Mellieħa, il-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat ta' Malta, is-Santwarju tal-Madonna tal-Mensija f'Birkirkara, is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas f'Ħal Qormi u oħrajn imxerrdin mal-kampanja u bliet ta' Malta. F'Għawdex ukoll insibu minn dawn is-Santwarji, bħalma huma: il-Katidral tal-Assunta, il-Kunċizzjoni tal-Qala, il-Madonna tal-Lunzjata, il-Madonna Ta' Pinu, taż-Żejt, **tal-Patroċinju ġo tal-Wied** u oħrajn".[7]

L-istudjużi Għawdxin tal-istorja ma jaqblux eżatt bejniethom dwar il-perjodu meta l-pellegrin Franċiż kien fostna, biss l-aktar data plawsibbli li ltqajna magħha hija dik mogħtija minn John Cremona għax hija kkorroborata minn fatt storiku dokumentat. Iż-żmien tal-waqfa ta' dan il-Qaddis f'Għawdex, kif ikkalkulata minn Cremona hija bejn l-aħħar xhur tal-1781 u l-ewwel xhur tal-1782. Jingħad li jum fost l-oħrajn waqt li Ġużeppi Labrè kien fit-Telgħa tal-Belt ta' Għawdex, iltaqa' man-Nutar Ludovico Spiteri li kien iservi bejn is-snin 1776-1809. Il-pellegrin Franċiż ħabbarlu li t-tarbija tifla li kienet ser twelled mart in-Nutar kienet ser titwieled ħajja u li kellu jsemmiha Rita għall-qaddisa tal-impossibbli li dakinhar kienet għadha Beata. Jidher li t-taħbira ta' Labrè seħħet tabilħaqq għax in-Nutar Spiteri u martu Katrina tweldithom tifla li tgħammdet San Ġorġ nhar it-8 ta' Ġunju 1782, bl-isem ta' Rita. Interessanti l-fatt li fil-Kunvent ta' Santu Wistin fir-Rabat, Għawdex, jeżisti kwadru sabiħ magħruf bħala l-*Beata Rita* li jingħad li tħallas min-Nutar Ludovico Spiteri b'radd ta' ħajr lill-qaddisa għat-twelid qawwi u sħiħ ta' bintu Rita.[8]

**Possibbiltà ta' żjara/t fl-Għasri**

Ngħiduha mill-ewwel: s'issa ma għandna l-ebda diċerija li Benedittu Ġużeppi Labrè, qatt żar is-santwarju tal-Madonna tal-Patroċinju! Din il-possibbiltà tibbaża ruħha biss fuq id-deduzzjoni loġika. Dik il-ħabta li l-pellegrin lajk Franċiż kien fi gżiritna biex jinviżta s-santwarji Marjani, il-Bażilika tal-Wied tal-Għasri kienet waħda ferm popolari mal-pubbliku Għawdxi. Għaldaqstant raġuni b'saħħitha biżżejjed għalfejn Labrè kellu jżur l-Għasri. De Soldanis (1712-1770) jgħidilna li: "Din il-knisja għalkemm hi żgħira, hi meqjuma wisq mhux biss min-nies ta' dawk l-inħawi, imma tista' tgħid, min-nies ta' Għawdex kollu".[9] Fl-1737, f'att ta' donazzjoni, Dun Franġisk Manueli (1704-1787), saċerdot mill-Għasri li kien jgħammar f'dik li llum hi Triq il-Fanal, fost l-oħrajn jesprimi: "u peress li jixtieq iqanqal dejjem aktar devozzjoni u mħabba, li **kien hemm u għad hemm fil-knisja eżistenti**, qiegħed jagħmel dan l-att ta' donazzjoni a favur u b'risq il-knisja [tal-Patroċinju] li ser tiġi mibnija mill-ġdid, sabiex fiha jiġi amministrat għal dejjem il-kult divin".[10]



Knisja Bażilika tal-Madonna tal-Patroċilju tal-Għasri

Il-Bażilika tal-Wied kienet tgawdi dil-popolarità kollha, mhux biss għaliex it-titlu ta' 'Madonna tal-Patroċinju' kien għadu pjuttost ġdid għall-Knisja Universali,[11] imma minħabba li l-Madonna fil-kwadru titulari ta' Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773), hija ppreżentata fi stat ta' gravidanza u għalhekk m'għandhiex Bambin fi ħdanha għax qiegħed f'ġufha.[12] Dan l-istat ta' fatt, illum sfortunatament magħruf ftit li xejn, ġibed lejn l-imsemmija knisja kotra ta' devoti jitolbu l-interċessjoni tal-Madonna minħabba xi problemi konnessi ma' tqala, jew biex ikollhom ħlas feliċi. Ta' min jgħid li f'dawk iż-żminijiet, fejn ix-xjenza medika kien għadha fi stat primittiv, in-nisa li kienu jmutu waqt il-ħlas jew *con parto* kien wieħed kbir u li jnissel kompassjoni.

"Kif għarrafni l-Arċipriet tal-Għarb Mons. Ġużeppi Borg (1912-2007), lil missieru Ġorġ (*ta' Melħa:*1872-1967) kien jisimgħu jgħid li San Benedittu Ġ. Labrè ġie li kien jorqod fuq it-taraġ tal-Bażilika ta' San Ġorġ ".[13] "Tradizzjoni qawwija tgħid li kien imur jitlob fuq iz-zuntier ta' San Ġorġ, in-naħa tal-artal tal-Erwieħ. Kien għalhekk li fis-seklu l-ieħor kienet issirlu l-festa f'dan l-artal fejn kien hemm ukoll kwadru tal-qaddis li llum qiegħed fis-sagristija".[14] Mela skont it-tradizzjoni, meta kien fostna, Benedittu Ġużeppi Labrè kien iħobb iżomm fl-akkwati tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Fl-istess żmien, imma mhux biss, kien jiffrekwenta wkoll 'l San Ġorġ, ir-Rettur tal-Knisja Bażilika tal-Patroċinju, Dun Ġużepp Schembri (1776-1821). Dan is-saċerdot twieled ir-Rabat fi Triq Għammiesa (illum Triq Mons. Luiġi Vella)[15] u tgħammed San Ġorġ nhar it-23 ta' Novembru 1723. Dun Ġużepp, "bniedem b'fama ta' ħajja qaddisa",[16] fi żmienu kien



Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri tar-Rabat Għawdex

wieħed mill-ftit eżorċisti f'Għawdex, jekk mhux ukoll l-uniku![17] "L-istess Dun Ġużepp Schembri kien imur iqarar f'San Ġorġ u kif jgħidu kien ikun imsawwat mix-xitan, għax is-sagristan kien jisma' s-swat neżlin fuqu u huwa kien jirrispondi: 'Niġi u nibqa' niġi'. (Kliem l-istoriku Għawdxi Mons. Luiġi Vella [1859-1928])".[18]

Mela rajna kif Benedittu Ġużeppi Labrè kien iħobb iżomm San Ġorġ. Rajna wkoll kemm Dun Ġużepp Schembri, saċerdot ta' fama kbira, kien hu wkoll jiffrekwenta l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ biex jagħmel lilu nnifsu disponibbli għall-penitenti tiegħu. Finalment nafu bil-popolarità li kien igawdi f'Għawdex is-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju. U allura meta nafu b'dawn il-kumbinazzjonijet kollha, possibbli qatt ma ġiet il-konġintura li r-Rettur Schembri jiltaqa' mal-Franċiż u jistiednu jżur il-Knisja tiegħu? Diffiċli li le!

Jien għandi konvinzjoni morali li mhux biss saret l-istedina biex Benedittu Ġużeppi Labrè jżur il-Knisja tal-Wied tal-Għasri, iżda li wkoll li ġie u għadda xi jiem ospitat fis-sagristija tagħha fejn allura Dun Ġużepp Schembri kellu r-residenza. Veru li ma nistgħux inkunu ċerti, imma l-possibbiltà hemm qiegħda!

**Riferenzi**


1: J. Cremona, *Il-qaddis li ġie jgħix Għawdex*, f'*Il-Ħajja f'Għawdex*, April 2014, p. 40.

2: N. Vella Apap, *San Benedittu Ġużeppi Labrè u r-rabta tiegħu mal-gżejjer ta' Malta u Għawdex*, f'*Leħen is-Sewwa* [25 Apr 1981], pp. 4 u 6.

3: D. Attwater, *Miniature Lives of the Saints*, London 1963, [16 Apr] pp. 168-169 : *Almanakk Kattoliku 2006*, [Ed. Soċ. tal-MUSEUM] p. 82.

4: M. Morana, *Bejn Kliem u Storja*, Malta 2011, p. 138.

5: *Biblioteca Sanctorum*, II, pp. 1218-1219.

6: Fis-sens wiesa' tal-kelma, 'Santwarju' huwa kull edifiċċju konsagrat u dedikat għall-qima u l-għożża ta' xi qaddis. Teknikament 'Santwarju' huwa l-presbiterju jew dak l-ispażju li jkopri l-Artal Maġġur sal-Mejda tat-Tqarbin (Rev. M. S. Canon MacMahon, *Liturgical Catechism*, Rep. of Ireland, 1930, p. 20). Fit-terminoloġija Ekkleżjastika, 'Santwarju' hija dik il-Knisja fejn ikun hemm xi inkwatru jew statwa inkurunata mhux biss b'digriet Pontifiċju jew Ordinarju, imma wkoll b'mod sempliċi, basta però li din l-ikona tkun tgawdi ċerta devozzjoni u qima popolari. Hija l-prassi li statwi u kwadri Kristoloġiċi, Marjoloġiċi u Ġużeppini biss li jistgħu jkunu inkurunati. Hija użanza qadima ferm li ikoni inkurunati fil-knejjes tagħna jkunu mżejna b'sopraporta u purtiera fil-każ ta' inkwatri u b'mant fil-każ ta' statwi. "Dan l-użu għandu l-bidu tiegħu fil-purtiera msejħa tas-Santwarju fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Din il-purtiera, li tissemma fl-Iskrittura, kienet tostor il-parti l-iktar sagra tat-Tempju" (J. Calleja, *Sopraporta tal-Fidda għall-Inkwatru Titulari tal-Katidral,* f'*Il-Għid tal-Assunta*, 49 [2014], p. 23).

7: N. Vella Apap, *San Benedittu Ġużeppi Labrè,* eċċ., op. cit., p. 4.

8: J. Cremona, *Il-qaddis li ġie jgħix Għawdex*, op. cit., p. 40.

9: *"Ella benche piccola è assai devota, ed è non solamente dagli abitanti di quella contrada, ma quasi da tutto il Gozo con molta pietà frequentata"* (NAG, ZM, 01/01 [GPF Agius de Soldanis, *Il Gozo antico – Moderno e Sacro Profano, Gozo 1746*] Sez. XXX, *f.* 679-680. Ara wkoll: Ġ. Farrugia, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu*, Vol. II, Malta 1953, p. 67).

10: N[otarial] A[rchives] R[abat] (Gozo), Luigi Magri Cremona [12 Set 1737].

11: "Il-Patroċinju tal-Madonna: din il-festa ġiet mogħtija lill-Provinċji kollha ta' Spanja mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti fis-6 ta' Mejju 1699; iżda Benedittu XIII xerridha mal-Knisja kollha, irrink, fil-bidu tas-seklu tmintax" (E. Galea, *Tifsir tal-Misteri tar-Reliġjon tagħna,* stampat minn Gianni Muscat, Malta 1892, p. 82).

"The feast of the Patronage of Our Lady was founded in 1656 by the former Inquisitor of Malta and Gozo, Pope Alexander VII after being petitioned by King Philip IV of Spain. The feast was extended to the whole church by Pope Benedict XIII (1724-30) and its devotion was introduced in [GĦASRI] Gozo soon afterwards" (J. Bezzina, *The Veneration of Our Lady in Gozo 1600-1800,* in V. Borg, *Marian Devotions In The Islands of Saint Paul (1600-1800),* The Historical Society, Malta 1983, p. 243).

12: AEG, VP (1869) $84^{r}$-$85^{r}$.

13: N. Vella Apap, *San Benedittu Ġużeppi Labrè,* eċċ., op. cit., p. 4.

14: A. F. Attard, *Il-għalqa tal-lampa u San Benedittu Ġużepp Labrè*, f'*L-Orizzont* [12 Ott 1989] 10 : *Qaddis u Kappella* [ta' Dun Raymond], fl-istess [09 Ott 1990] 8.
Nota: Min jinteressah li jkun jaf aktar dwar dan is-suġġett, huwa suġġerit jara kitbiet oħra ta' Anton F. Attard, f'*It-Torċa* tal-14, 21, u 28 ta' Ġunju 1964; u f'dawk tat-3 u t-12 ta' Lulju 1964.

15: Il-bidla fl-isem tat-triq saret fit-30 ta' Frar 1949 wara talba popolari. Ara *Il-Berqa* [03 Jan 1950] 7, u *Il-Leħen is-Sewwa* [02 Maqr 1949] 7.

16: AEG, *Cappellae: Patronage of Our Lady [Tal-Wied]* – Relazzjoni tal-Isqof Djoċesan Mons Antonio Grech Delicata lis-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju datata 14 ta' Marzu 1869. *Cf.* Ġ. Mintoff, *Il-Proċess tat-Twaqqif tal-Viċi-Parroċċa fil-Ħâra tal-Għasri – Għawdex* [1866-1872] f'***il-Korpus*** 20 (2000), p. 18.

17: J. Bezzina, *Offerta ta' invażata għal Tal-Patroċinju*, f'***il-Korpus*** 18 (1999), pp. 52-55. Ara wkoll: NAG, CG, 04/74 (Ċitazzjoni 17) : 04/75 (Ċitazzjonijiet 17 u 40) : 09/358 [1824] Processi 118.

18: Ġ. Zammit, *L-Għasri u Ġrajjietu*, f'*Il-Bullettin tal-Ħadd*, Parroċċa tal-Għasri, 21 Set 1969.

Meta staqsejt lil Dun Ġużepp Zammit, din l-informazzjoni partikulari kienx sabha f'xi rumanz storiku milli kien jikteb Mons. Luigi Vella jew kienx semagħha minn x'imkien ieħor qalli li aktarx kien qalhielu qaribu Mons. Kantur Dun Andrea Vella taż-Żebbuġ (1899-1990), li tiegħu Dun Alwiġ Vella kien Professur tat-Teoloġija Dommatika (tagħrif minn Mons. Ġużeppi Zammit nhar it-Tnejn, 15 ta' Settembru 2014 meta bħal kull nhar ta' Tnejn immur inżuru f'Villa San Lawrenz, San Lawrenz, fejn jinsab irtirat).